MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Numru 25/94

**Il-Pulizija**
**(Spt. P. Vassallo)**

**vs**

**Martin Pillow**

**Illum 30 ta' Marzu 2011**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Martin Pillow bhala Managing Director ta' Pillow Frames Ltd ta' Corradino I. E. Paola.

Talli fid-29 t'Awissu, 1995 u qabel din id-data inqast li tizgura li fuq il-post tax-xoghol responsabbilita tieghek jittiehdu mizuri u prekawzjonijiet kollha biex (a) kull post tax-xoghol ikun hieles minn kull periklu ghas-sahha u s-

sigurta, (b) tippreveni kull disgrazzji, korrimenti u mard industrijali, (c) l-ambjent tax-xoghol ikun favorevoli ghas-sahha u hieles minn dak li jikkaguna tensjoni fizika jew psikologika, (d) tizgura, b'mod prattiku u ragonevoli, is-sahha skansar u hsieb generali fuq ix-xoghol ta l-impjegati kollha tieghek, (e) tara fejn hemm il-perikli li jkollhom x'jaqsmu ma xi process tax-xoghol jew ma xi sustanzi, (f) taghti dak it-taghrif, taghlim, tahrig u spervizjoni, biex tevita l-periklu fuq il-post tax-xoghol, (g) izomm il-post tax-xoghol taht kontroll sew biex dan jinzamm f'kundizzjonijiet fejn ma jkunx hemm periklu u riskji ghas-sahha u li tipprovdi u zzomm sew moghdijiet ta' dhul u hrug mill-post li jkunu minghjar periklu u minghajr riskji ghas-sahha liema nuqqasijiet wasslu ghal korriment fuq ix-xoghol ta' Mario Philip Galea fid-29 t'Awissu 1994, inghast tgharraf lid-Direttur tax-Xoghol [bil-korriment] ta' Mario Philip Galea u dan bi ksur tal-artikolu 2,8 u 18 u paragrafi 49 u 61 tal-A.L. 52/86 (h) tizgura b'mod ragonevoli u prattiku, li persuni li ma jkunux impjegati mieghek izda li jistghu jintlaqtu minn xoghol tieghek, ma ghandhom ikunu b'ebda mod esposti ghal riskji f'sahhithom jew ghas-sigurta' taghhom u bi ksur ta' Para 49 u 51 tal-AL.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza huwa terren komuni li Mario Philip Galea korra waqt li kien qed jesegwixxi xogholijiet fl-impjant that kostruzzjoni ta' Magro Brothers fix-Xewkija, Victoria Ghawdex u dan wara li waqa' minn fuq *scaffolding* li kien qed jintuza waqt li kien qed ikun immuntat *spaceframe* mis-socjeta' Pillow Space Frames Limied.

Pillow Space Frames Limited kienu il-kuntratturi ingaggati minn Magro Bors sabiex jaghmlu xogholijiet kosistenti f'kostruzzjoni ta' saqaf ghall-fabbrika tal-istess Magro Bros. Mario Philip Galea ma kienx impjegat tal-imputat izda huwa impjegat tas-socjeta' Magro Brothers. Skond John Magro, u mhux kontesat mill-imptuat, Magro

Brothers kellha tipprovdi assistenza lill-kuntrattur fil-forma ta’ 1500 siegha xoghol (*man hours*). Dan is-saqaf kien jikkonsisti f’serje ta’ *pipes* maqghuda flimkien forma ta’ diversi arkati iserhu fuq kull genb ta’ struttura tal-gebel li flimkien jaghmlu struttura mgharufa bhala *space frame.* Sabiex jinbnew dawn id-diversi arkati ta’ pajpijiet, l-imputat l-ewwel bena *scaffolding* li mhux bhal dak li komunement naraw fil-kostruzzjoni mondana izda huwa forma jew mudell tal-istess akrata tal-istess space frame li jitqieghed ezatt taht fejn ser jinbena l-ispace frame minn hajt sa hajt. Dan kellu l-art tieghu wiesgha aktar minn dik il-faxxa ta’ space frame sabiex il-haddiema ikunu jistghu jahdmu b’liberta u sigurezza l-*ispace frame* fuq imsemmi. Wara li tinhadem arkata, l-*scaffolding* jitmexxa ‘l quddiem sabiex tinbena faxxa ohra ta’ space frame. Fuq dan l-*iscaffolding* kien hemm *hoist* li jiflah 300 kilogramma u kien qed jintuza biex itella *pipes* li jiznu 100 kilogramma u dan kellu kontra piz tal-gebel. Izda dwar dan l-aspett tekniku, ikun ahjar li tkun riprodotta dik il-parti tar-relazzjoni teknika raggunta mill-abbli perit arkitett nominat minn din il-Qorti u ghal liema qed issier pjena adezjoni:

*“L-incident in ezami fejn Mario PhilipGalea kien korra gravi, sar fid-29 ta’ Awissu 1994. Dwar din ma kienitx saret inkjesta u xejn mix-xena originali ma kien gie preservat. L-imputat gie mharrek fis-17 ta’ Ottubru 1995, kwazi sena u xahrejn wara l-incident.*

*Mill-provi li tressq, l-ahjar spjegazzjoni dwar dan ix-xoghol tohrog mir-ritratti esebiti mill-imputat, cioe’ Dok MP u Dok MP1. L-ispazju l-kbir tal-fabbrika ta’ Magro Bros fix-Xewkija, Ghawdex, kellu jigi msaqqaf bi Trusses (Space Frames) li huma komposti minn membri tubulari, vide ritratt 15 sa 22). Dawn ikunu provduti tal-qies, mahdumin fil-fabbrika u jinghaqdu ma’ xulxin permezz ta’ Bolts.*

*Biex dawn it-Trusses jinbnew fil-post, kien sar Gantry – speci ta’ forma li wkoll kienet inhadmet minn membri tubulari. Din kienet tistrieh fuq ir-roti u titmexxa permezz ta’ Gearbox operata minn erbgha haddiema, wiehed fuq kull rota, (vide ritratt Nru 16). Dan il-Gantry kellu Decking tal-metall u meta Truss kien jitlesta, dan il-Gantry kien*

*jitmexxa biex jibena Truss eihor. I-haddimea kienu jistriehu fuq id-Decking, kif jidher fir-ritratt Nru 7 u t-Truss jintrama ftit il-fuq mid-decking, (vide ritratt Nru 17).*

*Fil-bidu, il-membri tat-Trusses kienu jittellghu b'habel u tarjola, izda fl-24 ta' Awissu 1994, intrama' winch li jahdem b'mutur ta' l-elettriku, ikkontrollat bi Switch li jinzamm f'id l-operatur. Fl-incidnet in ezami, Mario Galea qal li f'daqqa wahda hu hass trehida, intlaqat mill-Winch u mar ghal isfel u waqghu xi knaten ukoll. Edward Hughes intlaqat ftit ukoll, izda ma wegghax. Dan il-Winch jidher fir-ritratt Nri 19 u 21.*

*Mario Galea, Jimmy Zammit u Martin Pillow lkoll qalu li l-Winch kellu kontrapiz bil-gebel. Dawn jidhru fir-ritratt Nru 21. Dak il-Winch kien armah Martin Pillow u haddiema tieghu u wara sabu [recte saru] b'mod divers, izda ghalih, wara li ghamel il-kalkoli, sab li kien sodisfacenti.*

*Il-piz li kien jittella' kien massimu ta' 100kg u l-Winch kien jiflah 300 kg. Ghalhekk l-incident ma sarx minhabba "overloading". Mir-ritratt Nru 21 jidher li l-knaten tal-kontrapiz kienu f'zewg saffi. B'dak il-mod, kull meta kienu jintrefghu l-kannen, kien ikun hemm skoss u b'dan, il-knatan tal-wicc ta' fuq kienu jiccaqalqu l-quddiem lejn il-mutur. Wara diversi skossi, xi kantun jew tnejn inqalbu minn posthom. Mario Philip Galea qal li xi knatan waqghu ghal isfel, kif ukoll qal Edward Hughes. Meta naqas dak l-ammont ta' kontrapiz, l-istabilita' tal-Hoise tnaqqset u dan inqaleb, izda ma waqax.*

*Skond ix-xhieda, wara l-incident il-Hoist intrefa' u saru xi Bolts biex dak intrabat ma' l-Iscaffolding*

*Ghalhekk, fl-opinjoni ta' l-esponent, is-sengha kienet titlob li l-knaten tal-kontrapiz jintrabtu ma' xulxin jew jitqieghdu go xi kaxxa jew gagga. B'dan il-mod kienu jibqghu bhala massa wahda maqghudin ma' xulxin.*

*Gie wkoll osservat li l-Gantry kellu l-Platform ftit aktar wiesgha mit-Trusses u li dan ma kellu l-ebda lqugh (Railing). Dan setgha jsir fuq in-naha l-ohra tat-Truss li*

*jkun tlesta qabel dak li kien qieghed jintrama' (vide ritratt Nru 17) u cioe fin-naha ta' fejn kien gie armat il-Hoist.*

*Dwar Safety Equipment, l-esponent jirrileva li veru s-Safety Helmet ikun skomdu fis-shana tas-Sajf u fiz-zmien ta' meta sar l-incident, il-haddiema kienu ghadhom ma drawx jahdmu bih. Ritratt Nru 21 juri li kien qieghed jintuza Saftety Bootie, izda dwar Harness, l-esponenti jaqbel li f'dan it-tip ta' xoghol kien ikun ferm difficcli li dan jintuza, u li dan anzi setgha jfixkel lil min jilbsu peress li l-habel tieghu jehel ma' l-istruttura tal-kannen."*

Hija wisq pertinenti l-osservazzjoni tal-espert tekniku illi dan il-gantry jew scaffolding kien aktar wiesgha minn dik il-parti tal-ispace frame li kienet qed tinbena u li fuq naha minnhom setgha facilment allura isir railing. Fuq it-tarf l-iehor ammess li huwa pjuttost difficcli li jsir railing sakemm dan ma jkunx wiehed temporanju li jista' jitnehha kull darba li l-iscaffolding jasal biex jitmexxa 'l quddiem sabiex jinbena l-ispace frame li jmiss. Jibqa' l-fatt izda illi f'dik il-parti essenzjali fejn kien armat il-Hoist ma kienx hemm railing u li dan seta facilment jevita il-waqa' ta' dan il-haddiem. Dwar Mario Philip Galea, irid jinghad li dan ma kienx haddiem tal-imputat fis-sens li ma kienx qieghed fuq il-kotba tas-socjeta' gestita mill-imputat izda kien impjegat ta' Magro Brothers li kif inghad *supra* kienet ikkommettiet ruhha li tipprovdi numru ta' sighat lill-kuntrattat taghha ghal bini ta' dan is-saqaf. Galea ma kienx persuna addestrata sabiex taghmel dan it-tip ta' xoghol ghalhekk jemergi mill-provi li kellu xi ftit esperjenza teknika ta' plumbing u trunking tal-elettriku. Dak iz-zmien, Magro Brothers kienu fl-eqqel tal-istaqgun tal-ghasir [tat-tadam] u ghalhekk tajjeb li tkun riprodotta dik il-parti tax-xhieda ta' John Magro meta jghid: "Peress illi x-xoghol ta' Pillow ha aktar zmien milli kien previst u peress li kien dahal iz-zmien ta' l-istagun tax-xoghol tal-ghasir, il-kumpanija tieghi ma setghetx taghti lil Pillow l-erba minn nies miftiehma fil-kuntratt ta' appalt. Minflok, ghazilt lill Mario Galea sabiex jassisti lil Pillow fuq dan ix-xoghol. Kien l-uniku persuna li stajt nibghat dak iz-zmien, billi kellu kapacita ukoll."

Mario Philip Galea, xehed *inter alia* illi wara li kont ga hdimt kif ghedt fil-fabbrika tax-Xewkija, meta kienu telghin il-hitan tal-ewwel sular, gejt mibghut nahdem minn Johnny Magro f'Tigrija Palazz sa ma tellghu it-tieni sular tal-fabbrika tax-Xewkija. Appena dan tlesta, Johnny u Michael Magro qaluli: "Hemm bzonn inhallu wiehed (haddiem) minn taghna jiehu hsieb ix-Xewkija". Allura baghat lili ghall-bidu tax-xoghol tat-tinda tal-fabbrika. Johnnu ordnalli li nara li l-hadid kollu ikun mizbugh, anke fejn ma jidhrix; (2) li kull vit li jkun hemm bzonn jigi mwahhal u qatt ma jithalla xejn bin-nieqes; (3) li l-welding isir skond is-sengha u jekk ma jghogobnix, ninfurmah; u fl-istess hin naghmel xoghol b'self ma' Pillow fis-sens illi niehu ordnijiet minghand Pillow. Jien kont hemm biex nehodlu hsieb ninfurmah b'dak li jidhirli li ma kienx isir sew, u naghmel ukoll xoghol li jordnali Pillow. F'certu sens kont qisni spija.

Jemergi ukoll mix-xhieda ta' Mario Galea illi kien ilu jitlob lill John Magro ghal safety harness izda dan qatt ma provdilu wiehed. Kien jixtri s-safety boots minn flusu u wara l-incident, il-kumpanija ta' Magro xtrat l-apparat ta' sigurta' kollu mehtieg. Galea kien l-uniku impjegat li ma kienx fuq il-kotba ta' Pillow.

Ikkunsidrat inoltre illi Mario Philip Galea, fil-hin tal-incident, kien qieghed jaghmel xoghol li qatt ma kien addestrat ghalih. Dan ma setghax ikun marbut ghaliex tali irbit kien ikun ta' aktar perikolu ghalih izda seta kien facilment protett li kieku l-gantry kellu ilqugh. In-nuqqas ta' addestrament ta' Galea kien evidenti fil-fatt illu huwa ghamel l-aktar zball elimentari meta si tratta ta' hoist jew gib billi qaghad proprju quddiem il-gib. L-haddiema l-ohra ma kienux taht il-gib jew il-arblu tal-hoist u ghalhekk ma gralhom xejn Galea kien qieghed sahansitra jopera il-hoist. Certament li Galea kien qed jaghmel xoghol oltre dak li kien mistenni minnu meta Magro stess jghid li ma kienx f'posizzjoni li jipprokura erba minn nies u kien ghalhekk li baghat lil Galea li primarjament kellu l-obbligu li jissorvelja ix-xoghol ghal-Magro u fl-istess waqt jiehu l-ordnijiet minghand l-imputat. Jibqa' indiskusskutibbli l-fatt illi responsabbli ghas-sigurta' fuq is-sit tax-xoghol kien l-

imputat u dan ma ghamilx dak mistenni minnu li jara li kull minn qieghed fuq is-sit kellu primarjament ikun accertat li kien addrestrat ghal dak ix-xoghol partikolari. B'addestrament tajjeb, Galea ma kienx joqghod quddiem il-gib meta dan kien mghobbi kif ukoll kien jaccerta ruhu li l-knaten li tqieghed bhala kontra pis kien intatt wara kull okkazzjoni li jintuza dan il-hoist, haga li m'ghamilx ghaliex certament ma kienx javvera ruhu dan l-incident. Jemergi ukoll li l-imputat ma prova l-ebda ilqugh fuq dan il-gantry kif ukoll illi naqas milli jirrapporta l-incident lill-awtoritajiet kif titlob il-ligi;

Ghalhekk din il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Fl-applikazzjoni tal-piena, din il-Qorti ser izzomm fil-perspettiva n-nuqqasijiet ta' Magro Brothers kif jemergi mill-provi;

Wara li rat l-artikoli 2, 8, 18, 48, 49 u 51 tal-AL 52/96 fis-sehh bis-sahha tal-artikolu 39 tal-Kap 434 u l-artikolu 38(3) tal-Kap 424, tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' Tlett Elef Euro (Euro 3000).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------